MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-21 ta' April, 2015

Talba Numru. 365/2013

**Grace Spiteri u l-eredi ta' Victor Spiteri li huma Giovanna Penrant, Orazio Spiteri u Maria Loretta Spiteri**

**Vs**

**Anthony Zerafa**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-20 ta' Gunju, 2013 billi r-rikorrenti jikru lill-intimati l-fond 'zari' ta' Triq San Pawl, Safi. Illi r-rikorrenti naqqsu li jhallsu l-kera dovuta lir-rikorrenti ammontanti ghal elfejn hames mija u wiehed u hamsin ewro (€2,551) u dan wara li gew avzati diversi drabi. In oltre hemm anki arretrati tat-telefon dovuti, uzat mill-intimat fil-mori tal-kirja, fuq in-numru tat-telefon registrat fuq l-imsemmi fond. Ir-rikorrenti talbu diversi drabi lill-intimat sabiex ihallas u nonostante wkoll l-ittra tat- 22 ta' Jannar, 2013, l-intimat baqa' inadempjanti u rrifjuta sabiex ihallas. Ghalhekk ir-rikorrenti ghamlu din it-talba sabiex jitolbu bir-rispett lil din l-onorabbli Tribunal tiddikjara l-intimat responsabbli ghal hlas ta' elfejn hames

mija u wiehed u hamsin ewro (€2,551) u mitejn ewro (€200) ghall-arretrati tat-telefon kif spjegat hawn fuq u dan bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-ittra tat-22 ta' Jannar, 2013 sal-pagament effettiv.

Illi l-konvenut ipprezenta risposta fejn eccepixxa illi t-talba attrici qed tigi respinta u michuda fl-intier taghha ghaliex ma hix dovuta fil-fatt u fid-dritt kif ser johrog mix-xhieda prodotta.

In oltre, l-atturi naqsu li fit-talba jghidu z-zmien li ghalieh qeghdin jitolbu l-ammont ta' kera li skont huma huwa dovut.

Illi l-ammont rikjest ta' kontijiet tat-telefonija ma hux dovut lill-atturi ghaliex thallas direttament mis-siehba tal-konvenut.

Xehdet Grace Spiteri fejn spjegat illi l-konvenut hallas l-ewwel hames xhur kera shah u imbaghad beda jhallas ftit kull tant.

L-atturi zammew ferm it-talba taghhom tal-kera, izda irtiraw it-talba taghhom ghad-dawl, ilma u telefon u mobile.

Xehed Orazio Spiteri li kkonferma li l-konvenut kien kera l-post propjeta tal-genituri tieghu. Dan xehdu ukoll l-attur Victor Spiteri.

Xehed Anthony Zerafa li ammetta li kien jghix fil-post tal-atturi bejn it-2 ta' Jannar, 2009 sa April 2011. Qal illi dejjem hallas il-kera bil-flus kontanti. Dan gie kkonfermat minn Dorianne Ellul prodotta mill-konvenut.

It-Tribunal f'dan il-kaz irid joqghod biss fuq ix-xhieda tal-partijiet u fuq il-kredibilita tal-partijiet. Fl-istess waqt il-konvenut min naha tieghu ma gab ebda prova illi hallas l-kera dovuta minnu filwaqt illi hallas l-kera dovuta minnu filwaqt illi l-atturi ppruvaw l-fatt illi krew il-post lil konvenut peress illi huwa stess ammetta li kien jghix fil-post.

Ghal din ir-raguni t-Tribunal jaqta' u jiddecidi billi jilqa' it-talba attrici fl-ammont ta' elfejn hames mija u wiehed u hamsin ewro (€2,551) u jikkundana lil

konvenut ihallas dan l-ammont bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------